

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Asociación para la Calidad de los Forjados (ASCAFOR), Asociación de Importadores y Distribuidores de Acero para la Construcción (ASIDAC)

*Konvenuti:* Administración del Estado, Calidad Siderúrgica SL, Colegio de Ingenieros Técnicos Industriales, Asociación Española de Normalización y Certificación (AENOR), Consejo General de Colegios Oficiales de Aparejadores y Arquitectos Técnicos, Asociación de Investigación de las Industrias de la Construcción (AIDICO) Instituto Tecnológico de la Construcción, Asociación Nacional Española de Fabricantes de Hormigón Preparado (ANEFHOP), Ferrovial Agromán SA, Agrupación de Fabricantes de Cemento de España (OFICEMEN), Asociación de Aceros Corrugados Reglamentarios y su Tecnología y Calidad (ACERTEQ).

**Domanda preliminari**

Id-dispożizzjonijiet eżawrjenti li jinsabu fl-Anness 19 tad-Digriet Irjali Nru 1247/08, tat-18 ta' Lulju, flimkien mal-Artikolu 81 tiegħu, dwar ir-rikonoxximent uffiċjali taċ-ċertifikati ta' kwalità, jistgħu jiġu kkunsidrati li huma eċċessivi u sproporzjonati meta mqabbla mal-għan intiż, u għalhekk jikkostitwixxu restrizzjoni mhux ġustifikata li tirrendi r-rikonoxximent tal-ekwivalenza taċ-ċertifikati iktar diffiċli, barra milli jikkostitwixxu ostakolu jew restrizzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti importati li tmur kontra l-Artikoli 28 u 30 KE?

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal administratif de Rennes (Franza) fil-11 ta' Ottubru 2010 — L'Océane Immobilière SAS vs Direction de contrôle fiscal Ouest**

(Kawża C-487/10)

(2010/C 346/55)

*Lingwa tal-kawża:* il-Franċiż

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal administratif de Rennes

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* L'Océane Immobilière SAS.

*Konvenut:* Direction de contrôle fiscal Ouest.

**Domanda preliminari**

L-Artikolu 5 tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977 <sup>(1)</sup>, jippermetti lil Stat Membru jżomm fis-seħħ jew jistabbilixxi dispożizzjoni li tissuġġetta għat-taxxa fuq il-valur

miżjud il-provvista ta' beni immobbli minn persuna taxxabbli, lilha stess, għall-ħtiġijiet tal-imprizza tagħha, meta din il-provvista tagħti lok għat-tnaqqis immedjat u totali tat-taxxa fuq il-valur miżjud miġbura f'dan is-sens?

<sup>(1)</sup> Is-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23)

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado de lo Mercantil de Alicante (Spanja) fil-11 ta' Ottubru 2010 — Celaya Empananza y Galdos Internacional S.A. vs Proyectos Integrales de Balizamientos S.L.**

(Kawża C-488/10)

(2010/C 346/56)

*Lingwa tal-kawża:* l-Ispanjol

**Qorti tar-rinviju**

Juzgado de lo Mercantil de Alicante (Spanja)

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Celaya Empananza y Galdos Internacional S.A.

*Konvenuta:* Proyectos Integrales de Balizamientos S.L.

**Domandi preliminari**

(1) F'kawża li tirrigwarda l-ksur tad-dritt esklużiv mogħti minn disinn Komunitarju rreġistrat, id-dritt għal projbizzjoni ta' użu ta' dan id-disinn minn terzi, li huwa stabbilit fl-Artikolu 19(1) tar-Regolament (KE) Nru 6/2002, tat-12 ta' Diċembru 2001, dwar id-disinji Komunitarji (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 27, p. 142), jestendi għal kull terz li juża disinn ieħor li ma jipproduċix fuq l-utent informat impressjoni globali differenti, jew għall-kuntrarju huwa intiż li jeskludi lil terz li juża disinn Komunitarju posterjuri rreġistrat favur tiegħu sakemm ma jkunx annullat?

(2) Ir-risposta għad-domanda preċedenti hija estranja għall-intenzjoni tat-terz jew tvarja skont l-aġir tiegħu, peress li l-kriterju determinanti huwa li li dan it-terz ikun applika għal u rreġistra disinn Komunitarju wara li jkun irċieva l-ittra ta' intimazzjoni mibgħuta mill-proprjetarju tad-disinn Komunitarju preċedenti sabiex iwaqqaf il-kummerċjalizzazzjoni ta' prodott minħabba ksur tad-drittijiet li ġejjin minn dan id-disinn preċedenti?